Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 8 ta' Diċembru 2023**
**(OR. en)**

**16078/23**

**CDR 196**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni<br>- Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittra datata t-18 ta' Lulju 2023[1], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Antonio VICENS VICENS, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra u ġie maħtur.

2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

[1] 12171/23.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Antonio VICENS VICENS, il-Gvern Spanjol ippropona[2] lis-Sa Francisca RAMIS PONS, rappreżentanta ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Directora General de Relaciones Institucionales y de Relaciones con el Parlamento* (Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Istituzzjonali u r-Relazzjonijiet mal-Parlament), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

4. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 16077/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

[2] 15810/23.